REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/557

tal-1 ta' April 2022

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, jenħtieġ li l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), bis-saħħa tar-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa fir-rigward tal-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Jenħtieġ li dak il-perjodu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1) Frazzjoni rikka fil-proteini li tinkiseb bis-separazzjoni tad-dqiq tal-piżelli fi frazzjoni rikka fil-proteini u fi frazzjoni rikka fil-lamtu ppreżentata fil-forma ta' trab fin ta' kulur beige jew fil-forma ta' gerbub, f'boroż żgħar (15 sa 20 kg) jew f'boroż kbar (500 sa 1 000 kg). Il-prodott għandu l-karatteristiċi analitiċi li ġejjin (kontenut ta' piż xott): — 7,4 % lamtu — 54 % proteini Il-prodott huwa magħmul mill-piżelli mnixxfa (*Pisum sativum*), maħsula, imfesdqa u miżuna biex jinkiseb id-dqiq tal-piżelli. Imbagħad id-dqiq jiġi sseparat fi frazzjoni rikka fil-proteini u fi frazzjoni rikka fil-lamtu f'magna ċentrifuga. Wara dak il-proċess, il-frazzjoni rikka fil-proteini tiżżalla fil-forma ta' trab jew tiġi agglomerata f'gerbub. Il-prodott jintgħaraf u jintuża esklussivament bħala għalf tal-annimali.	2309 90 31	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, min-Nota 1 tal-Kapitolu 23 u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 2309, 2309 90 u 2309 90 31. Il-prodott tilef il-karatteristiċi essenzjali tal-materjal oriġinali permezz tal-frazzjonament f'magna ċentrifuga. Għalhekk, hija eskluża kemm il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 1106 bħala dqiq ta' ħaxix leguminuż imnixxef kif ukoll il-klassifikazzjoni bħala ħaxix ippreparat mod ieħor tal-intestatura 2005. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 2302 hija eskluża wkoll peress li l-prodott mhuwiex residwu ta' tnaqqih, tħin jew xogħol ieħor fuq pjanti leguminużi (ara n-Nota ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 2302, il-punt (C)). Il-prodott ġie prodott apposta mid-dqiq tal-piżelli. Huwa pproċessat mod ieħor u jintuża esklussivament bħala għalf tal-annimali (ara wkoll in-Nota ta' Spjegazzjoni Ġenerali tas-Sistema Armonizzata għall-Kapitolu 23). Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 2309 90 31 bħala preparazzjoni oħra tat-tip użata għall-għalf tal-annimali, li fiha inqas minn 10 % skont il-piż ta' lamtu.
2) Frazzjoni rikka fil-lamtu li tinkiseb bis-separazzjoni tad-dqiq tal-piżelli fi frazzjoni rikka fil-proteini u fi frazzjoni rikka fil-lamtu ppreżentata fil-forma ta' trab ta' kulur isfar ċar jew fil-forma ta' gerbub, bl-ingrossa jew f'boroż kbar (25 sa 1 000 kg). Il-prodott għandu l-karatteristiċi analitiċi li ġejjin (kontenut ta' piż xott): — 73 % ta' lamtu — 13 % ta' proteini	2309 90 51	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, min-Nota 1 tal-Kapitolu 23 u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 2309, 2309 90 u 2309 90 51. Il-prodott tilef il-karatteristiċi essenzjali tal-materjal oriġinali permezz tal-frazzjonament f'magna ċentrifuga. Għalhekk, hija eskluża kemm il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 1106 bħala dqiq ta' ħaxix leguminuż imnixxef kif ukoll il-klassifikazzjoni bħala ħaxix ippreparat mod ieħor tal-intestatura 2005.

Il-prodott huwa magħmul mill-piżelli mnixxfa (*Pisum sativum*), maħsula, imfesdqa u mitħuna biex jinkiseb id-dqiq tal-piżelli. Imbagħad id-dqiq jiġi sseparat fi frazzjoni rikka fil-proteini u fi frazzjoni rikka fil-lamtu f'magna ċentrifuga. Wara dan il-proċess, il-frazzjoni rikka fil-lamtu titħalla fil-forma ta' trab jew tiġi agglomerata f'gerbub. Il-prodott jintgħaraf u jintuża esklussivament bħala għalf tal-annimali.		Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 2302 hija eskluża wkoll peress li l-prodott mhuwiex residwu ta' tnaqqih, tħin jew xogħol ieħor fuq pjanti leguminużi (ara n-Nota ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 2302, il-punt (C)). Il-prodott ġie prodott apposta mid-dqiq tal-piżelli. Huwa pproċessat mod ieħor u jintuża esklussivament bħala għalf tal-annimali (ara wkoll in-Nota ta' Spjegazzjoni Ġenerali tas-Sistema Armonizzata għall-Kapitolu 23). Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 2309 90 51 bħala preparazzjoni oħra tat-tip użata għall-għalf tal-annimali, li fiha aktar minn 30 % skont il-piż ta' lamtu.